StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2009**

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IS-SITT SENA — MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) — ĦIN: 20 MINUTA**

**Karta tal-Għalliema**
**Gwida għat-tmexxija tal-eżami tal-Fehim mis-Smigħ**
**Riżorsi:**

**1.** Test li jinqara
**2.** Karta tal-mistoqsijiet
**3.** Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel<br>• se tinqralhom l-istorja ***Lejl Imdawwal jew Notte Bianca***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq<br>• l-għalliem/a j/taqralhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tat-test<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq<br>• għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija | **(5 minuti)** |
| **5.** | • se jinqralhom it-test għat-tielet darba<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba | **(3 minuti)** |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2009**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

| IS-SITT SENA | MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) | ĦIN: 30 MINUTA |
|---|---|---|

## Lejl Imdawwal jew Notte Bianca

***L-ewwel parti***

1. Kien is-Sibt 4 ta' Ottubru 2009. Fil-Belt Valletta sar l-avveniment kulturali Lejl Imdawwal jew Notte Bianca. Jien, Ramon Borg, se ngħidilkom ftit x'rajt.

2. Sirt naf b'dan l-avveniment mill-għalliem tal-klassi. Peress li kien mistenni li jattendu ħafna nies, missieri ħaseb li l-aħjar naqbdu tal-linja biex ma joqgħodx iħabbel rasu fejn se jipparkja.

3. L-avveniment kellu jibda fis-sitta ta' filgħaxija. Mat-tokki tal-arloġġ tal-ħamsa u nofs tlaqna biex naqbdu tal-linja li għaddiet ħames minuti wara.

4. Tal-linja kienet puntwali. Jien u l-ġenituri sibna tliet postijiet vojta u qgħadna bilqiegħda. Donnu dakinhar kulħadd kien sejjer il-Belt għax tal-linja mtliet malajr u baqgħet sejra l-Belt mingħajr ma qagħdet tieqaf.

***It-tieni parti***

5. F'kemm trodd salib wasalna l-Belt u rajna folol kbar. Il-Belt kienet mimlija daqs bajda. Aħna u deħlin bdejna nisimgħu l-banda u tgħidx kemm ħadt gost nara t-toroq imżejnin bi dwal u b'bandalori għall-okkażjoni.

6. Quddiem il-mużewijiet u l-bereġ tal-Kavallieri, kien hemm kjus kbar, lesti biex jidħlu ġewwa. Id-dħul kien b'xejn. Domna ftit fil-kju, imma ma ddejjaqna xejn għax fl-aħħar mill-aħħar tgħidx kemm tgħallimt u ħadt gost fil-mużewijiet.

7. Għoġbuni ħafna l-kunċerti u l-kant tal-kantanti Maltin u barranin, kif ukoll il-wirjiet tal-fotografija. Doqna wkoll l-ikel tradizzjonali Malti.

8. Kontra qalbna tlaqna fis-siegħa ta' filgħodu. Tista' tgħid dorna kull rokna tal-Belt. Konna għajjenin mejta u missieri kien xogħol u xtaq jistrieħ.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

***L-ewwel parti***

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-Lejl Imdawwal sar | f'Ottubru.<br>f'Novembru.<br>f'Diċembru.<br>f'Jannar. |
| 2. | Qed jirrakkonta | Felix Pace.<br>Ramon Borg.<br>Mario Zammit.<br>Silvio Xuereb. |
| 3. | L-awtur sar jaf bil-Lejl Imdawwal | mit-televixin.<br>mill-Internet.<br>minn missieru.<br>mill-għalliem. |
| 4. | Użaw tal-linja | biex jiffrankaw il-petrol.<br>biex jaslu fil-ħin.<br>minħabba l-ispejjeż.<br>minħabba l-parking. |
| 5. | L-avveniment beda | fil-ħamsa.<br>fis-sitta.<br>fis-sebgħa.<br>fl-għaxra. |
| 6. | Tal-linja mtliet | mill-ewwel.<br>f'nofs triq.<br>fil-ħamsa u nofs.<br>meta waslu l-Belt. |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*It-tieni parti*

7. It-toroq kienu
   vojta.
   mudlama.
   mdawlin.
   kwieti.

8. Biex daħlu fil-mużewijiet
   ħallsu €2.
   ma ħallsu xejn.
   urew biljett.
   qabżu l-kju.

9. Il-kantanti kienu
   Maltin biss.
   Għawdxin.
   Awstraljani.
   minn pajjiżi differenti.

**Aqta' sing taħt it-tifsira t-tajba.**

10. ***F'kemm trodd salib*** tfisser
    malajr ħafna.
    nisrani tajjeb.
    titkellem tgħajjat.
    titlob bil-ġabra.

11. ***Mimlija daqs bajda*** tfisser
    mimlija ftit.
    mimlija ħafna.
    vojta.
    ftit li xejn.

12. ***Kontra qalbna*** tfisser
    morda b'qalbna.
    mill-ewwel.
    kontra kulħadd.
    mhux kif xtaqna.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2009**

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

| | | |
|---|---|---|
| **IS-SITT SENA** | **MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)** | **ĦIN: 30 MINUTA** |

**Isem u Kunjom:** ________________________________________

**Klassi:** ___________________________

Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.
Oqgħod attent/a l-ħin kollu.
Ara li tkun weġibt sewwa.

Marki: 1 – 9 (marka kull waħda)
10 – 12 (2 marki kull waħda)

**Total: 15-il marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

***L-ewwel parti***

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-Lejl Imdawwal sar | f'Ottubru.<br>f'Novembru.<br>f'Diċembru.<br>f'Jannar. |
| 2. | Qed jirrakkonta | Felix Pace.<br>Ramon Borg.<br>Mario Zammit.<br>Silvio Xuereb. |
| 3. | L-awtur sar jaf bil-Lejl Imdawwal | mit-televixin.<br>mill-Internet.<br>minn missieru.<br>mill-għalliem. |
| 4. | Użaw tal-linja | biex jiffrankaw il-petrol.<br>biex jaslu fil-ħin.<br>minħabba l-ispejjeż.<br>minħabba l-parking. |
| 5. | L-avveniment beda | fil-ħamsa.<br>fis-sitta.<br>fis-sebgħa.<br>fl-għaxra. |
| 6. | Tal-linja mtliet | mill-ewwel.<br>f'nofs triq.<br>fil-ħamsa u nofs.<br>meta waslu l-Belt. |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*It-tieni parti*

7. It-toroq kienu

vojta.
mudlama.
mdawlin.
kwieti.

8. Biex daħlu fil-mużewijiet

ħallsu €2.
ma ħallsu xejn.
urew biljett.
qabżu l-kju.

9. Il-kantanti kienu

Maltin biss.
Għawdxin.
Awstraljani.
minn pajjiżi differenti.

**Aqta' sing taħt it-tifsira t-tajba.**

10. ***F'kemm trodd salib*** tfisser

malajr ħafna.
nisrani tajjeb.
titkellem tgħajjat.
titlob bil-ġabra.

11. ***Mimlija daqs bajda*** tfisser

mimlija ftit.
mimlija ħafna.
vojta.
ftit li xejn.

12. ***Kontra qalbna*** tfisser

morda b'qalbna.
mill-ewwel.
kontra kulħadd.
mhux kif xtaqna.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2009**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

| **IS-SITT SENA** | **MALTI (KITBA)** | **ĦIN: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

Isem ________________________________

Klassi ________________________________

TOTAL TAL-MARKI [ ]

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-isem tal-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.




www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

***Aqra sew din is-silta.***

## ***F'Nofs ta' Lejl***

Stenbaħt maħsud! Tisbit ta' tieqa beda jirbombja mad-dar kollha. Ma nafx kif ħadd mill-familja ma qam bil-ħsejjes li dwew mad-dar. Jien, għalkemm tifel ta' għaxar snin, ħriġt mis-sodda u bdejt nieżel isfel inkiss inkiss fuq ponot subgħajja. Għaddew minn moħħi mitt ħsieb. "Tgħid ommi m'għalqitx it-tieqa? Min jaf daħlilniex xi ħadd? Allaħares insib lil xi ħadd ma' wiċċi!" *(par. 1)*

Bqajt nieżel isfel daqsxejn imriegħed imma b'kurżità kbira. Kif wasalt fil-kċina rajt li t-tieqa ta' fuq il-bank tal-kċina kienet miftuħa. Ersaqt aktar qrib u ntbaħt li ħġieġa mit-tieqa kienet imkissra. Aktar ma bdejt ninvestiga aktar bdejt ninduna li xi ħadd kisser ħġieġa, fetaħ it-tieqa u daħal fid-dar. Qalbi għamlet tikk. "Hawn aħna!" għedt bejni u bejn ruħi. *(par. 2)*

Xgħelt id-dawl. Il-friġġ kienet miftuħa u mbattla minn kull ġid ta' ħxejjex friski li ommi kienet xtrat biex issajrilna ikel bnin. F'daqqa waħda lmaħt passi kbar mal-art li mill-kċina segwejthom sas-salott. Ma kinux passi żgħar. Mhux passi bil-forma ta' xi par żarbun milbus minn xi bniedem. Le, kienu passi ffurmati minn saqajn ħafjin. Kbar mhux ħażin. *(par. 3)*



Bid-dawl mill-kċina mxejt lejn il-kuritur ewlieni tad-dar li jagħti għall-bieb ta' barra. Il-passi waqfu quddiem is-salott. Kien hemm dlam ċappa f'dik il-kamra. Ħsibt li hemm ġew hemm xi ħadd. Ma ridtx nixgħel aktar dwal. Minn kexxun fil-vetrina li għandna fil-kuritur ħriġt torċ. Xgħeltu u dħalt inkiss inkiss fis-salott. *(par. 4)*

Inħsadt! Maġenb l-iskrivanija li għandna fis-salott nara xadin. B'id waħda beda jċempel, filwaqt li bl-id l-oħra beda jpinġi fuq il-ktieb ta' oħti ż-żgħira. Għalkemm maħsud, ma bżajtx, għax deher xadin simpatiku u ħelu. Jiena lill-annimali nħobbhom u żgur ma kontx se nibża' minn kreatura bħal dik. *(par. 5)*

Malli ntebaħ bija għalaq il-ktieb qisu ma ġara xejn u ġie ħdejja. Qabadli idi u beda jagħmel ħafna ħsejjes, filwaqt li beda jipponta subgħajh lejn l-art tas-salott li kienet mimlija fdal tal-kaboċċi, pastard, tadam, karfus u zunnarija. Tbissimt! Għedt, "Mhux kulħadd irid jiekol!" *(par. 6)*

Irraġunajt li bilfors li kien bil-ġuħ. Basar li mal-bnedmin fil-kenn ta' dar seta' jsib xi bukkun ikel. U kiel mhux ħażin! Tgħid il-ġenituri jħalluni nżommu? Fid-dar tagħna żgur li ma jkun jonqsu xejn għax aħna lkoll inħobbuhom lill-annimali. *(par. 7)*

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

*A. Issa aqra, ifhem u wieġeb b'***sentenzi sħaħ***.*
*Tagħmilx żbalji fil-kitba.* **(13-il marka)**

StudentBounty.com

1. F'liema ħin tal-jum ġrat din l-istorja? ______________________________
______________________________ (1)

2. Min qed jirrakkonta? ______________________________
______________________________(1)

3. Għaliex taħseb li l-awtur niżel it-taraġ inkiss inkiss? __________________
______________________________ (1)

4. Sib idjoma minn paragrafu 2 li tfisser **tkellimt waħdi**.
______________________________ (1)

5. Kif kienet il-friġġ? ______________________________
______________________________ (1)

6. Għaliex l-awtur għażel li jixgħel torċ minflok jixgħel aktar dwal? ________
______________________________ (1)

7. Sib żewġ **aġġettivi** minn paragrafu 5 li jiddeskrivu lix-xadin. ____________
______________________________ (1)

8. Kif tiddeskrivi din it-tip ta' kitba: *vera*, *immaġinarja* jew *xjentifika*?
______________________________ (1)

9. Mis-silta sib l-espressjonijiet li jfissru dawn:

(a) bil-mod ħafna u bla ebda ħoss *(par. 1)*______________________________ (1)

(b) ġewni ħafna ħsibijiet *(par. 1 )*______________________________ (1)

(ċ) bżajt *(par. 2 )*______________________________ (1)

(d) dlam ħafna *(par. 4)* ______________________________ (1)

10. Taħseb li post ix-xadini huwa fid-dar tal-bnedmin? Agħti raġuni.

______________________________
______________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*B. Wara li qrajt is-silta, agħti t-tifsira t-tajba.* ***(8 m***

1. Fin-nom omm**i** *(par. 1)*, il-pronom mehmuż
   ***i*** qed jirreferi għal min? __________________.
2. Qalbi għamlet tikk. *(par. 2)*
   **Il-mamma** tal-verb *għamlet* hija __________________.
3. Ma kinux passi żgħar. *(par. 3)*
   Il-kliem __________________ huma fin-negattiv.
4. Kelma li tfisser il-maqlub ta' **mbattla** *(par. 3)* hija ________________.
5. **Xgħeltu** *(par. 4)* huwa verb fil-passat.
   Kelma oħra għall-kelma **passat** hija ________________.
6. L-għerq tal-verb **jċempel** *(par. 5)* huwa ________________.
7. Sinonimu tal-verb **ntebaħ** *(par. 6)* huwa l-verb ________________.
8. Ikteb il-kelma **ġenituri** *(par. 7)* fis-singular. ________________



*Ċ. Aqta' sing taħt il-kelma li ma taqbilx mal-oħrajn.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(7 marki)***

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | kiteb | <u>kisru</u> | seraq | qabad | ħadem |
| 2. | iftaħ | itilfu | oħroġ | ifirħu | għamlu |
| 3. | għajnejn | ħalq | dirgħajn | difrejn | widnejn |
| 4. | ħass | karfus | ħjar | pastard | larinġa |
| 5. | qtajja' | tlajja' | snajja' | tbajja' | ħajja |
| 6. | ħadd | rikeb | għamel | rabat | feraħ |
| 7. | naqbad | jaħdmu | tikser | xgħelt | jifhem |
| 8. | xi | taha | fi | sa | bi |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*D. Ara l-Għerq li hemm fil-parentesi.*
*Oħroġ l-Imperattiv minnu.*
*L-ewwel waħda lesta.* **(5 marki)**

1. "**Ikteb** pulit," qal l-għalliem lil Mark. ***(K –T – B)***
2. " ______________ snienek sew tliet darbiet kuljum," wissa d-dentist. ***(Ħ – S – L)***



3. " ______________ issa għax dalam," ordnat l-omm lil uliedha. ***(D – Ħ – L)***
4. " ______________ flimkien u tiġġildux," qal il-qassis waqt l-omelija. ***(F – R – Ħ)***
5. " ______________ it-televixin ħa naraw l-aħbarijiet," qalet Lara lil Maria. ***(X – GĦ – L)***
6. " _____________ t-twieqi, tfal, għax hemm bejta żnażan," qalet l-għalliema. ***(GĦ – L – Q)***

*E. Imla l-vojt kif meħtieġ.*
*L-ewwel waħda lesta.* **(5 marki)**

Hawn min jgħid li l-qtugħ **taż-** **(ta' + iż-)** żebbuġ isir meta tagħmel l-ewwel xita, x'aktarx f'Settembru. Dan iżda ma jgħoddx _________ **(għal + il-)** varjetajiet kollha peress li mhux is-siġar kollha jsajru l-frotta fl-istess żmien. Wara li taqtgħu _________ **(minn + is-)** siġra, laħalħu b'ilma _________ **(ta' + ix-)** xita, u biddillu l-ilma filgħodu u filgħaxija. Agħmel hekk għal tlett ijiem. Wara lesti s-salmura billi tħoll il-melħ oħxon _________ **(ma' + l-)** ilma sakemm idub kollu. Itfa' ż-żebbuġ f'reċipjent nadif. Wara imla l-vażett _________ **(bi + is-)** salmura. Ħames ġimgħat wara, poġġi ż-żebbuġ fiż-żejt.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*F. Daħħal kliem mil-lista ta' **annimali** li tidher hawn taħt biex turi **ħafna** (is-superlattiv assolut).*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(6 marki)***

**dubbiena ħamiema qattus ~~naħla~~ ħuta tellerita ġurdien**



1. Ommi bieżla daqs **naħla** għax il-ħin kollu taħdem.
2. Minn età żgħira, tgħallem jgħum daqs __________________.
3. Għandi ħija jgorr daqs __________________.
4. Oħti ż-żgħira għażżiena daqs __________________.
5. Għalkemm żgħir fl-età, jgħidu li Mario ħażin daqs ______________ xiħ.
6. Il-ħbieb kollha telquh għax fitt daqs _______________.
7. Fil-klassi, Christian ilablab daqs _______________.

*Ġ. Daħħal il-kelma li hemm bżonn fil-vojt.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(8 marki)***

1. Inħobb it-te, imma ma **nħobbx** (preżent negattiv mill-verb **ħabb**) il-kafè.
2. L-għasfur ma ______________ (passat negattiv mill-verb **tar**) mill-gaġġa.
3. It-tim favorit tiegħi ma ______________ (preżent negattiv mill-verb **tilef**).
4. M' ______________ (passat negattiv mill-verb **għalaq**) għajn m'għajn u għalhekk ma ______________ (passat negattiv mill-verb **seta'**) jistrieħ.
5. Stefania ma ______________ (passat negattiv mill-verb **dendel**) il-ħwejjeġ; tgħidx kif tkemmxulha.
6. Għalkemm taħdem ħafna, ma ______________ (preżent negattiv mill-verb **qala'**) ħafna flus.
7. L-istudenti ma ______________ (passat negattiv mill-verb **kien**) jafu kif se jwieġbu għad-domandi u għalhekk ma ______________ (passat negattiv mill-verb **ġab**) il-marki kollha.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*G. Aqra sewwa.*

*Ara x'hemm fil-parentesi.*

*Sib it-tweġiba t-tajba.*

***Wara imla l-vojt.*** **(8 marki)**

Tfal, qatt innutajtu li fil-kampanja l-ħitan mhumiex bħal dawk li nibnu bihom? Qed ngħid għal dawk il-ħitan bejn l-____________ (*agħti l-plural ta'* ***għalqa***) jew ____________ (*agħti l-plural ta'* ***mogħdija***). Dawn insejħulhom ħitan tas-sejjieħ.

Il-bdiewa jibnu l-ħitan tas-sejjieħ bil-ġebel li mhux kantun. Il-ġebel li jużaw ikun ____________ (*agħżel waħda minn dawn:* ***ta, ta', taha***) kull daqs u jkun kollu ħofor imma ____________ (*agħti n-negattiv ta'* ***jkun***) dritt. Għalhekk biex tibni ħajt tas-sejjieħ irid ikollok ____________ (*agħti s-singular ta'* ***snajja'***) kbira. ____________ (*ikteb pronom personali minflok* ***Il-bdiewa***) jpoġġu l-ġebel eżatt waħda ħdejn l-oħra mingħajr ma jużaw tajn.

Il-ħitan tas-sejjieħ huma ____________ (*oħroġ aġġettiv min-nom* ***bżonn***) għall-bdiewa għax l-ilma żejjed tax-xita jibqa' għaddej ____________ (*agħżel waħda minn dawn:* ***min, min-, minn***) ġol-ħitan. Barra minn hekk, fil-ħitan jgħixu wkoll diversi speċi ta' annimali żgħar, fosthom insetti u rettili. Għalhekk, tfal, meta tmorru xi mixja fil-kampanja, ibżgħu għal dawn il-ħitan li jgħinu lill-bdiewa tagħna jagħtu kenn lil ħlejjaq żgħar u jżejnu l-kampanja Maltija.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**GĦ. *Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar* wieħed *minn dawn is-suġġetti:*** **(25 marka)**

1. **Iddeskrivi l-belt jew raħal fejn toqgħod.**
   *Għid fejn toqgħod u agħti tagħrif dwaru.*
   *Ikteb ukoll x'tista' tara, x'jogħġbok u xi jdejqek.*



2. **Rajt inċident tat-traffiku.**
   *Ikteb dwar inċident tat-traffiku li rajt. Għid x'ġara u x'għamilt biex tajt l-għajnuna tiegħek.*



3. **Kompli l-istorja li tibda b'dan il-kliem:**
   *Hekk kif konna f'xatt il-baħar ...*



4. **Ħarġa edukattiva ma' tal-iskola.**
   *Għid fejn mortu, x'rajtu u x'tgħallimtu waqt din il-ħarġa edukattiva.*
   *Ikteb ukoll dwar x'għamiltu meta wasaltu lura fil-klassi.*

5. **Kif inqatta' l-ħin liberu tiegħi.**
   *Għid kif tqatta' l-ħin liberu tiegħek wara l-iskola, fi tmiem il-ġimgħa u fil-vaganzi.*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

*Tmiem il-Karta*

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers